16 ta' Ottubru 2014
114/2014

## ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAN-NAXXAR

L-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ħatar lil Dun David Gauci bħala arċipriet tal-parroċċa Marija Bambina, in-Naxxar.

Dun David Gauci twieled fit-2 ta' Marzu 1965. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja u sekondarja fl-iskola St Monica u fis-Seminarju Minuri, Tal-Virtù, u l-edukazzjoni post-sekondarja fil-Kulleġġ Stella Maris, il-Gżira. Kompla l-istudju terzjarji (Filosofija u Teoloġija) fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta.

Dun David ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Lulju 1994. Huwa beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala viċi kappillan fil-parroċċa tal-Mosta fejn serva għal erba snin, u wara fil-parroċċa ta' Ħ'Attard għal perijodu ta' sentejn.  Fis-sena 2000 ġie maħtur kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Lija. Huwa wkoll kappillan maġistrali tal-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta.

Il-parroċċa tan Naxxar tiġbor fiha madwar 15,500 persuna f'4,300 familja.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org